MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2006

Appell Civili Numru. 1307/2003/1

**Onor. Magistrat Dr. Carol Peralta**

**vs**

**Dr. Beppe Fenech Adami nominat b' digriet tat-3 ta' Novembru, 2003 kuratur nominat sabiex jirrapprezenta l-eredita` gjacenti ta' John Cost Chretien, u b' nota tas-27 ta' Jannar, 2004, Noel Cost Chretien bhala eredi tal-mejjet John Cost Chretien assuma l-atti bhala konvenut f' din il-kawza, u b' nota ta' assunzjoni ta' l-atti tal-10 ta' Marzu, 2006, Henry Cost Chretien f' ismu proprju u bhala mandatarju specjali ta' hutu Joseph, Alfred, Myriam mart Tancred Schembri, ilkoll ahwa Cost Chretien assenti mill-pajjiz, u Dorothy mart Joseph Degaetano assumew l-atti flimkien ma' Noel Cost Chretien, tal-mejjet John Cost Chretien, u b'digriet tal-10 ta' Marzu, 2006 Dr. Beppe Fenech Adami inhareg minn kuratur ghall-eredita` gjacenti ta' l-istess Noel Cost Chretien.**

**Il-Qorti,**

Fit-2 ta’ Gunju, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta’ Gunju, 2003, fejn intalab l-ammont ta’ disa’ mija u disgha u tletin lira Maltija u erbatax-il centezmu (Lm939.14) rapprezentanti spejjez li l-attur ghamel ghas-servizz funebru li sar wara l-mewt tragika ta’ John Cost Chretien li miet f’Perugia f’Jannar, 2000.
Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra bonarja tas-16 ta’ Frar, 2003, ta’ l-ittra ufficjali tat-12 ta’ Marzu, 2003 u tar-rikors ghall-kuraturi pprezentat kontestwalment, ilkoll kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-kuratur deputat Dr Beppe Fenech Adami, prezentata fis-6 ta’ Novembru, 2003, fejn intqal illi huwa mhux edott mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u jirriserva li jipprezenta risposta unterjuri jekk ikun il-kaz.

Ra r-risposta ta’ Noel Cost Chretien prezentata fid-9 ta’ Frar, 2004, fejn intqal :
i. Illi in linea preliminari, in-nullita` tac-citazzjoni attrici stante illi giet ipprezentata fl-assenza tal-attur minn dawn il-Gzejjer.
ii. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur gja thallas skond il-“claim” li pprezenta hu stess minghand l-assikurazzjoni estera wara l-mewt ta’ John Cost Chretien.
iii. Illi kien l-attur stess li ttratta ma’ l-assikurazzjoni estera, li qabbad rapprezentant tieghu gewwa Perugia u ssottometta l-“claim” tieghu.
iv. Illi l-hlas li rcieva l-attur minghand l-assikurazzjoni estera tkopri in maniera assoluta kwalsiasi spejjez allegatament maghmula mill-attur.
v. Illi l-attur ghandu jipprova li ghamel l-ispejjez allegati minnu.

Ra l-kontro-talba prezentata mar-risposta fejn intalab il-hlas ta' hames mitt lira maltija (Lm500.00), u fejn intqal li l-konvenut qed jitlob li l-attur jigi kkundannat irodd lura l-ghodda u hwejjeg personali inkluz l-arlogg tad-defunt John Cost Chretien jew li jigi kkundannat ihallas lill-konvenut il-valur tal-imsemmija ghodda u hwejjeg personali.

Semgha x-xhieda tal-Magistrat Dr. Carol Peralta, Hubert Camilleri, Maria Theresa Busuttil, Paul Gambina, Mark Pace, Noel Cost Chretien. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra:

1. Jibda biex jinghad illi fis-seduta tat-8 ta' Gunju, 2004, il-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni, cioe dik rigwardanti n-nullita.
2. Fis-seduta tal-10 ta' Jannar, 2006 il-Magistrat Dr. Carol Peralta wera lit-Tribunal l-oggetti kif inghataw lilu mill-Isptar stess u ddikjara li hu dispost li jghaddihom lill-konvenuti permezz ta' cedola.. Fil-fatt sussegwentement esebixxa kopja tac-cedola prezentata 19 ta' Jannar, 2006 li biha ddepozita l-oggetti hemm indikati. Fi kwalunkwe kaz mhix kompetenza ta' dan it-tribunal li jordna li wiehed jrodd lura affarijiet.
3. Dwar il-mertu tal-kaz, din tirrigwarda talba ghall-hlas ta' spejjez li l-attur ghamel ghas-servizzi funebri li saru wara l-mewt tragika ta' John Cost Chretien li miet f'Perugia f'Jannar, 2000. Il-konvenuti qed jghidu li l-attur gja thallas mill-assikurazzjoni.
4. Skond l-attur, wara li gara l-incident li fih miet John Cost Chretien, l-attur stess cempel lil Noel Cost Chretien, u staqsih riedx li s-salma tingieb Malta, u dan akkonsenta. L-attur qabbad avukat taljan, u sar kull ma kien necessarju skond il-lIgi. Gew provduti lbies ghad-defunt, it-tebut u servizz ta' hearse biex minn Umbria jigi misjuq ghal Ruma. Importanti li l-attur kiene ftiehem li l-kont jghaddih lill-avukat li kien qed jiehu hsieb l-affarijiet. Jigi nnutat ukoll li l-attur hallas ghall-vjagg lura Malta tad-defunt.
5. L-attur innota wkoll li taht il-Ligi taljana kien hemm possibilita` li ssir claim mal-assikurazzjoni. F'dan ir-

rigward kienet hadet hsieb Dr. Carol Zammit Montebello mal-Avukat taljan Danilo Areni.

6. Li jirrizulta li gara kien li originarjament l-attur kien fittex l-ghejnuna ta' habib tieghu Ettore Pedini, u meta d-ditta funebri maghtet il-kont lil Pedini, din hasbet li l-flus kienu dovuti minnu u ghalhekk ittratteniet milli tibghat il-kont. L-attur gie infurmat b'dan il-kont u hallsu hu, u informa lil Dr Zammit Montebello b'dan. Gara li fil-frattemp l-assikurazzjoni kienet hallset il-claim lill-eredi, u ma kienux inkluzi dawn l-ispejjez ta' ahhar. L-attur kien irkupra l-ispejjez tal-vjagg u xi spejjez ancillari, pero` kien ghad hemm pendenti l-ispejjez tat-tebut, tal-hwejjeg u tal-hearse.

7. Li sar il-hlas mill-attur hu indubitat, u jinsab pruvat mid-Dokument PG a fol.49 et seq tal-process. Dwar dan id-dokument, Paul Gambina, rapprezentant tal-Bank of Valletta, jikkonferma li kien sar il-hlas permezz ta' *Swift Transfer* lill-*Banca Filiale di Marciano*, f'Perugia, u dana a favur ta' Gelsi Onoranze Funebri. Il-klijent kien il-Magistrat Peralta.

8. Jirrizulta ukoll skond ma xehed Mark Pace, li kien ukoll l-Italia mal-attur, li meta sehh l-incident l-attur ikkomunika mal-konvenut Noel Cost Chretien, u jallega li dan ma setghax jitla l-Italja.

9. Il-konvenut Noel Cost Chretien jikkonferma li kien cempel u ghamel mezz li l-attur jigi nfurmat bil-mewt ta' huh. Fil-fatt meta kellmu, dana a kuntrarju ta' dak li gie allegat, jghid li offra li jitla l-Italja, pero` l-attur kien qallu li ma kellux ghalfejn, u li kien irranga kollox hu. Jirrizulta skond l-istess konvenut, li dan kien icempel lill-attur kuljum biex izomm ruhu infurmat, u kien infurmat li nxtrat l-libsa u t-tebut, u li kien hemm hearse biex iggorr lid-defunt minn Perugia ghal Fiumicino.

10. Il-konvenut jghid li meta ghadda kollox, kien talab lill-Magistrat jghaddilu l-ispejjez kollha li saru minhabba claim separat. Gie ezebit d-Dok.NC1 li hu l-hlas mill-assigurazzjoni, li l-konvenut fehem li kien finali.

11. Jirrizulta li dan id-dokument NC1 igib id-data tad-29 ta' Novembru, 2000, filwaqt li l-attur baghat il-flus lil Gelsi Onoranze Funebri fit-3 ta' Frar, 2003, Dok.CP2. Qabel ma hallas kien kiteb lil Dr Zammit Montebello dwar dan.

12. Ghalhekk bazikament li gara kien li meta l-eredi tad-defunt John Cost Chretien itterminaw it-trattattivi dwar il-hlas mill-assigurazzjoni, ma kienx gie mehud in kunsiderazzjoni il-kont ta' Gelsi Servizzi Funebri, li del resto ma setghax jigi kunsidrat ghax kien ghadu ma ntbaghatx.
13. Mill-provi jirrizulta ampjament li l-attur kien ha hsieb ghall dawk is-servizzi funebri sabiex id-defunt jasal Malta. Ma jirrizultax li qatt kien hemm opposizzjoni ghall dak li kien qed jaghmel l-attur, anzi piuttost l-oppost, jirizulta li kien hemm kuntatt kontinwu bejn l-istess Noel Cost Chretien u l-attur sabiex jiehu hsieb l-affarijiet. Fost l-affarijiet kien hemm dik tas-servizzi ta' Gelsi, liema kont thallas tard, u wara li l-konvenuti ghazlu li jaccettaw il-hlas mill-assikurazzjoni.
14. Fic-cirkostanzi ma jkunx gust illi l-attur issa jehel dawk l-ispejjez, li saru bil-konoxxenza u bl-akwijexxenza tal-l-istess atturi. Ghalhekk it-talba attrici tirrizulta pruvata.

Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jiddikjara ruhu mhux kompetenti li jiehu kkonjizzjoni tal-kontro-talba kif formulata, jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' disa' mija u disgha u tletin lira Matin u erbatax-il centezmu (Lm939.14) bl-imghax legali dekkoribbli mill-lum.

L-ispejjez ta' din l-istanza, inkluzi dawk tal-kontro-talba, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti."

Appellaw minn din is-sentenza l-konvenuti li talbu r-revoka taghha. L-ilment taghhom hu wiehed duplici u, cjoe:-

(1) It-Tribunal ma kienx gust u ekwu fil-konsiderazzjonijiet tieghu tal-provi. L-assunt centrali ta' l-appellanti f' dan il-kuntest hu dak li kien kompitu ta' l-attur li jottjeni r-rimbors tas-somma minnu erogata minghand l-assikurazzjoni;

(2) It-Tribunal zbalja meta ddikjara li ma kienx kompetenti li jiddeciedi l-kontro-talba;

Qari tas-sentenza appellata juri, fil-kumpless, illi t-Tribunal ta kwadru ta’ dawk l-elementi sostanzjali tal-provi li fuqhom hu ffonda l-valutazzjoni u l-konvinciment tieghu. In essenza, li l-attur inkariga ditta ta’ pompi funebri fl-Italja biex din tiehu hsieb l-arrangamenti necessarji bil-preparament tas-salma ta’ John Cost Chretien, kongunt tal-konvenuti, u t-trasport ta’ l-istess minn Umbria ghal Ruma. Akkoppjat ma’ dan, hemm il-prova tal-hlas li ghamel l-attur fit-3 ta’ Frar 2003 lid-ditta Gelsi Onoranze Funebri (ara dokument a fol. 49);

Bl-ewwel aggravju taghhom l-appellanti jikkwerelaw din il-valutazzjoni tat-Tribunal u jqisuha errata ta’ dawk ir-rizultanzi istruttorji l-ohra, primarjament fosthom illi, kif estratt mill-ittra ta’ l-Avukat Danilo Areni tal-31 ta’ Ottubru 2000 (fol. 28) lil konsulent legali taghhom, kien mahsub li “*le spese funerarie saranno rifuse a parte in favore del Dr. Peralta*”. Fatt dan li, nonostante il-kwittanza rilaxxajata lil Generali Assicurazione fl-Italja (ara dokument a fol. 61), baqa’ ma sehhx, anke ghaliex l-kont ta’ l-ispejjez funerarji mid-ditta surreferita dam hafna ma ntbaghat. Ara deposizzjoni ta’ l-attur a fol. 31 *et sequitur*;

Jidher evidenti mis-sottomissjonijiet ta’ l-appellanti fil-korp tar-rikors ta’ l-appell taghhom illi dawn qed jirrikorru ghal provi parzjali li taghmel il-precitata ittra u l-Atto di Quietanza u dan bl-iskop li jissostitwixxu l-apprezzament maghmul mit-Tribunal b’ ri-elaborazzjoni personali taghhom ta’ dawn il-provi. Dan, ghal Qorti, mhux accettabbli. Manifestament, fuq il-bazi tal-kumpless tal-provi attendibbli, din il-Qorti, bhat-Tribunal, issib illi l-attur ghamel tajjeb bi spejjez proprji ghal hlas tas-servizzi funebri prestati mid-ditta estera, u li dan il-hlas ma giex minnu irkuprat minghand l-Assikurazzjoni in kwantu l-kont relattiv intbaghat tardivament u kienet gja lahqet saret il-kwittanza kemm mill-eredi tal-mejjet ghad-danni subiti bit-telfa tragika tal-kongunt taghhom kif ukoll mill-attur ghal spejjez ohra minnu zborzati. Sewwa allura gie motivat

mit-Tribunal illi f' dawn ic-cirkustanzi ma jkunx gust illi l-attur jibqa' akkollat bl-ispejjez funerarji;

Din il-konkluzjoni ta' fatt twassal logikament ghal din il-konsiderazzoni ta' dritt;

L-ekwita` li jippreciza l-Artikolu 7 (1) tal-Kapitolu 380 jesigi li minn jissodisfa debitu ta' haddiehor ghandu jkun intitolat jikkonsegwixxi r-rimbors tal-hlas li jkun ghamel. Fil-kaz li s-soggett ma jkollux ir-rimedju tipiku ta' l-azzjoni kontrattwali, in asenza ta' kuntratt, jew dik akwiljana, meta ebda fatt illecitu ma jkun ravvizabbli, u lanqas dak tar-ripetizzjoni, in mankanza tal-pagament indebitu, huwa ghandu dejjem, b' rimedju residwali u sussidjarju ghat-tutela tad-drittijiet tieghu, l-azzjoni ekwitativa ta' l-arrikkiment ingust jew *de in rem verso*. Azzjoni din li, fi skorta ta' decizjonijiet, giet mill-Qrati taghna konsiderata esperibbli minn min isofri diminuzzjoni patrimonjali ghax ipprovokata mill-arrikkimenti, priv minn gustifikazzjoni, ta' soggett iehor. Ara, b' ezempji, **Kollez. Vol. XII p 223**; **Vol. XXIX P II p 1105, Vol. XXXIV P III p 784, Vol. XXXIX P II p 764** u s-sentenza ta' din il-Qorti, kif presjeduta, tat-23 ta' Gunju 2004 in re "**Blye Engineering Co Ltd -vs- Victor Balzan *et***". F' dawn il-kazijiet gie ritenut illi l-arrikkiment ingust hu wkoll fonti ta' l-obbligazzjonijiet u ghaldaqstant obbligazzjoni li tahseb li min sofra t-telf patrimonjali jigi indennizzat;

Dan premess, jinghand fl-opra "**Le obbligazioni**" (Vol. III - fatti e atti fonti di obbligazione, Edizzjoni UTET, a cura di **Massimo Franzoni**) illi "*un altro rilevante ipotesi di arricchimento dovuto all' iniziativa del soggetto che si impoverisce, è quella del pagamento del debito altrui: qui l' arricchito è tale perche ha conseguito, con quasi assoluta certezza, un risparmio di spese: non dovra piu` effettuare la spesa relativa all' adempimento della proprio obbligazione. La certezza del vantaggio economico conseguito non è assoluto perche devono considerarsi, ipoteticamente, anche la eventualita` che il creditore avesse intenzione di operare una rimessione del debito*

*oppure la possibilita` che egli rimanesse inerte lasciando prescrivere il proprio credito. È tuttavia indubbio che l' acquisizione in capo al patrimonio del convenuto di un beneficio effettivo è altamente probabile: ecco perche i giudici, in questo caso, sono piu` generosi che nelle altre ipotesi di risparmio di spese, di concedere ristoro all' impoverito."* (pagna 404);

Il-fattispeci tal-kaz konkret anke hawnhekk jisthoqqilhom jircievu l-istess konsiderazzjoni generuza appena accennata. Huwa ovvju illi l-attur appellat ma ghamelx il-hlas ta' l-ispejjez funerarji bi spirtu ta' liberalita` jew b' adempiment ta' xi dover morali jew socjali fil-konfront ta' l-eredi tad-defunt jew ghal xi raguni ohra idoneja biex tiggustifika l-arrikkiment. Konsegwentement, kif sew deciz mit-Tribunal, ghandu jkun rikonoxxut lilu r-rimedju tar-restituzzjoni tal-hlas li ghamel. In vista ta' dan, il-Qorti ma ssibx raguni biex tiddiskosta ruhha mill-konkluzjoni tat-Tribunal fuq dan il-punt;

Mill-atti jirrizulta li fil-pendenza tal-gudizzju mit-Tribunal l-attur iddepozita permezz ta' Cedola (fol. 97) xi hwejjeg ta' pertinenza tad-defunt biex dawn jigu eventwalment irtirati mill-appellanti. Ciononostante, jidher li l-appellanti ghadhom anke f' din is-sede jinsistu ghar-ritorn ta' xi ghodda. Ghaldaqstant bit-tieni aggravju taghhom huma jikkontestaw lit-Tribunal id-decizjoni tieghu illi jichad, ghal raguni ta' kompetenza, il-kontro-talba taghhom. Proprju din il-kontro-talba ta' l-appellanti hi koncepita fis-sens illi l-attur jigi mit-Tribunal ikkundannat irodd lura l-effetti personali tad-defunt jew il-valur taghhom;

Jinsab provvdut fis-subinciz (2) ta' l-Artikolu 3 ta' l-Att V ta' l-1995 illi t-Tribunal "ikollu gurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' <u>biss</u> it-talbiet kollha <u>ta' flus</u> ta' ammont ta' mhux izjed minn elf u hames mitt lira Maltija". Minn dan huwa kjarament evidenti illi fir-realta` l-kontro-talba ma tinsabx koperta b' dan id-dispost in kwantu, principalment, il-materja ma tirrigwardax talba ta' flus imma wahda "*di dare*" ta' oggetti

personali. Dan avolja wkoll saret rikjesta sussidjarja ghall-hlas tal-valur taghhom, in mankanza tal-konsenja. Dik il-kontro-talba, kif impustata, kienet allura tesorbita mill-gurisdizzjoni tat-Tribunal u dan ghamel sew li ssolleva l-eccezzjoni ta’ l-inkompetenza tieghu fir-rigward taghha. L-aggravju ghalhekk ma jistax jitqies validu u qed jigi respint.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tirrespingi l-appell fiz-zewg kapi tieghu u b’ hekk tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez relattivi ta’ din il-procedura jitbatew mill-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------